KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 46 B

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46 (KONTINWAZZJONI)

Il-Ħamis 19 ta' Lulju, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur

ASSENTI

Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa. Informa wkoll li din kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa numru 46 li kienet inżammet nhar il-Ħamis 12 ta' Ġunju 2025 wara li l-laqgħa kellha tieqaf minħabba nuqqas ta' kworum.

Il-President informa wkoll kif għal din il-laqgħa r-Reġjun kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, u mingħand is-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Meli sabiex jinfurmaw li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri.

Il-President spjega kif peress din il-laqgħa kienet kontinwazzjoni, il-laqgħa kienet ser tkompli bl-aġenda u bil-punt numru 40.3

## 46.3 *Komunikazzjoni mill-President*

- ***Aġġornament fuq il-Konferenza SEDEC (Kummissjoni Għall-Politika Soċjali, Edukazzjoni, Impjiegi, Riċerka u Kultura)***

46.3.1 Il-President beda billi irringrazzja lil kull min kien preżenti u qal kif hu xtaq li fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss ser ikun qed jippreżenta rendikont ta' kif żvulġew l-affarijiet peress li kien hemm xi tibdiliet lejn l-aħħar u għal din ir-raġuni hu qal kif jixtieq li din tiġi spjegata fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Chircop qal kif il-laqgħa kienet waħda tajba.

46.3.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Chircop, qal kif il-persuni li kien hemm fuq il-*panel* ta' diskussjoni kienu nies eċċezzjonali, fosthom il-Profs. Montebello, mill-Università ta' Malta, kif ukoll Dott. Josianne Cutajar. Pero ġibed l-attenzjoni li ma kienx hemm rappreżentazzjoni mill-Oppożizzjoni.

46.3.3 Il-President ġibed l-attenzjoni kif maġġoranza tal-parteċipanti li tkellmu fuq il-*panel* kienu maħtura minn SEDEC stess u mhux mir-Reġjun. Hu qal ukoll kif kien hemm punt li tqajjem mill-preżentatur, Keith Demicoli, fejn semma li l-persuni involuta fid-diskussjoni kellhom esperjenza fil-Kunsilli Lokali fejn kienu servew bħala Sindki, bħal l-Onor. Byron Camilleri, l-Onor. Clyde Caruana, Dott. Cutajar, il-Profs Alexiei Dingli.

46.3.4 Is-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat, qal kif hu ma setax ikun preżenti għal din il-konferenza minħabba impenji oħra pero għamel referenza għall-Laqgħa Ġenerali Annwali 2025 li kienet inżammet nhar it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2025 fejn kien hemm il-Profs. Montebello jitkellem dwar l-Intelliġenza Artifiċjali bħala għodda fil-Kunsilli Lokali. Hu qal kif kemm bħala Reġjun u anke bħala Gvern, din tistà tkun t'għajnuna kbira għal Kunsilli Lokali. Hu ssuġġerixxa li jkun hemm programm biex jurik kull Triq fil-lokalità u jgħatik inventorju sħieħ li jkun jinsab f'kull Triq – bħal kemm il-bozza tad-dawl, bankijiet, tabelli, u oħrajn.

46.3.5 Is-Sur Chircop qal kif permezz ta' din il-konferenza, il-preparazzjoni għenet biex tinbeda komunikazzjoni ma' l-Università fuq dan il-qasam sabiex ir-Reġjun jesplora aktar kif din l-għodda tistà tkun effettiva fil-Kunsilli Lokali.

46.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif hi flimkien mal-Maniġer ta' l-Ambjent kienet diġa intalbet sabiex issir laqgħa ma' Profs. Montebello biex naraw kif din l-idea tistà tiġi żviluppata aħjar. Hi qalet kif fost affarijiet oħra tistà tiġi żviluppata l-idea tac-*chat box* u tkun tistà tiġi maħluqa mill-istudenti ta' l-Università li jattendu dan il-kors.

46.3.7 Is-Sur Dalli issuġġerixxa li għandu jkun hemm sistema waħda li tkun indirizzata għall-Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

46.3.8 Il-President qal kif il-Profs Montebello offra l-għajnuna tiegħu dwar dan u ser ikun hemm aġġornament dwar dan aktar 'il quddiem.

46.3.9 Il-President għamel referenza wkoll għall-Laqgħa Ġenerali Annwali li kienet inżammet fl-istess ġurnata mal-konferenza u faħħar l-attendenza sabiħa li kien hemm u spjega kif ħareġ frott mid-diskussjonijiet li nżammu.

46.6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif ser tinżamm laqgħa wkoll mar-rappreżentanta minn Aġenzija Żgħażagħ sabiex ir-Reġjun jifhem kif jistà jolqot liż-żgħażagħ fi ħdan ir-Reġjun.

46.6.11 Il-President għamel referenza għall-istudju li kien sar mir-Reġjun – Social Impact Assessment – fejn is-Sur Fava kien għamel referenza għalieh waqt il-LĠA u rrakomanda sabiex jiġi maħluq kumitat li regolarment isegwi kif ukoll iżomm f'moħħu li sal-leġislatura li jmiss, dan l-istudju jkun irid jerġa jsir mir-Reġjun.

46.6.12 Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop staqsa jekk mill-membri preżenti kienx hemm min jixtieq li jkun parti minn dan il-Kumitat.

46.6.13 Kien hemm deċiżjoni sabiex is-Sur Anthony Dalli jkun preżenti fuq dan il-Kumitat flimkien mal-President tar-Reġjun, rappreżentant mill-FSWS u rappreżentant mill-Università li kienet parti mill-istudju li kien sar fuq is-Social Impact Assessment.

46.6.14 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, talab jekk kienx hemm aktar kopji ta' dan l-istudju.

46.6.15 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata kif ser tkun qed tiċċekja jekk kienx għad baqa kopji pero fakkret lill-membri li dan l-istudju kien jinsab mod diġitali fuq il-website uffiċċjali tar-Reġjun.

- *Aġġornament fuq il-Kuntrattur ta' l-Iskart*

46.6.16 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa kif kien hemm l-ewwel smiegħ il-qorti nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025 u kif kien hemm laqgħa skedata nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2025 fejn ser ikun hemm preżenti s-Segretarju Permanenti, id-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali, id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti, flimkien mal-avukati li qed jirrappreżentaw lir-Reġjun fuq dan il-każ.

46.6.17 Is-Sur Chircop informa wkoll li ġiet imsejħa laqgħa sabiex ikun hemm diskussjoni dwar il-proposta li l-ġbir ta' l-iskart domestiku jibda jsir filgħaxija. Hu qal kif din hija rakomandazzjoni mill-Ministeru tat-Trasport u kif dettalji dwar dan għad m'hemmx. Hu qal kif hu ma jħossx li għandu jmur għal din il-laqgħa u jiddiskuti l-opinjoni tiegħu u għal din ir-raġuni hu talab sabiex il-membri preżenti jgħatu l-kummenti u raġunijiet tagħhom dwar din il-proposta biex b'hekk hu jkun qed iressaq l-opinjoni bħala Reġjun u mhux bħala individwu.

46.6.18 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, qal kif hu kien diġa ressaq dan is-suġġett waqt il-laqgħa tal-Kunsill u kif bħala Kunsill huma lesti li jippruvaw li dan is-servizz jingħata matul il-lejl diment li l-ħin tal-ġbir ikun tard bil-lejl u l-vetturi użati sabiex jinġabar l-iskart ikun jopera bil-batterija.

46.6.19 Is-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, qal li mhux ser jikkunsidra li jċaqlaq il-ħin li hemm fil-preżent qabel ma jiġu solvuti problemi oħra, fosthom li sa llum għadhom jinħarġu boroż mhux tal-ġurnata skond l-iskeda nazzjonali. Hu qal kif diġa kemm hemm biżżejjed tibdil ta' *one size fits all* u ma kinitx qed taħdem.

46.6.20 Wara diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett dwar din kif tistà tkun ta' ġid jew le, kien hemm ftehim sabiex jekk tiġi msejħa din il-laqgħa mal-Presidenti tal-Kunsilli Reġjonali, l-ewwel irid ikun hemm aktar informazzjoni qabel ma wieħed jistà jieħu pożizzjoni dwar dan. Is-Sur Chircop qal kif il-laqgħa kienet skedata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju pero kien hemm diġa maġġoranza ta' Presidenti li ma setgħux jattendu u jaf din id-data tinbidel. Aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħata fil-laqgħa li jmiss.

Sadanittant il-Kunsilli Lokali ġew mitluba sabiex jilħqu jiddiskutuwa fil-laqgħa tal-Kunsill rispettiva tagħhom biex jaraw x'pużizzjoni ser ikollu l-Kunsill fuq din it-talba.

46.6.21 Is-Sur Chircop informa wkoll kif nhar it-Tnejn 12 ta' Mejju 2025 kienet inżammet laqgħa mal-Bord tal-Finanzi fejn għaliha kien hemm preżenti hu, flimkien mas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, u s-Segretarju Eżekuttiv. Hu nforma wkoll li s-Sur Max Zammit kien wasal għal din il-laqgħa wara li kienet spiċċat peress li l-laqgħa kienet ukoll ma' l-accountant, is-Sa Romina Perici Ferrante. Hu spjega wkoll kif l-għan ta' din il-laqgħa kienet sabiex naraw l-ispejjeż marbuta mal-borża s-sewda kif ser tkun qed timpatta fuq il-finanzi tar-Reġjun. Hu qal kif jekk dawn l-ammonti ser jittieħdu mill-allokazzjoni tar-Reġjun, dan mhux ser ikun hemm finanzi biżżejjed sa tmiem din is-sena.

46.6.22 Is-Sur Charles Selvaggi qal kif hemm postijiet bħal Swieqi, San Ġiljan, u Pietà li kuljum qed tinfetaħ blokka flats bi tletin appartament li dan ifisser tletin borża sewda oħra u b'hekk it-total dejjem ser jibqa jikber.

46.6.23 Il-President informa li wara li kienet inżammet din il-laqgħa, kien hemm qbil sabiex din l-informazzjoni tiġi mressqa lid-Direttur Ġenerali sabiex din il-problema tiġi indirizzata minn issa.

46.6.24 Is-Sur Dalli talab sabiex ir-Reġjun jingħata spjegazzjoni dettaljata dwar il-figuri tal-ġbir ta l-iskart fir-Reġjun mingħand il-*Waste Manager Coordinator.* Hu qal kif huwa ferm importanti li d-Diviżjono għal Gvern Lokali hija nfurmata dwar dan minn issa biex il-finanzi tar-Reġjun żgur ma jmorrux minn taħt meta tiġi għeluq is-sena finanzjarja.

46.6.25 Il-President, is-Sur Chircop, qal sabiex lis-Sur Zammit jitolbu jattendi l-laqgħa tar-Reġjun u jippreżenta din l-informazzjoni. Hu qal ukoll li fil-laqgħa li kienet inżammet mad-Direttur Ġenerali, fehem mill-ewwel dak li kien ġie mressaq u ser ikun qed jipprovdi direzzjoni dwar dan.

46.6.26 IS-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fil-laqgħa li nżammet deher li kien hemm ftehim pero r-Reġjun qed jistenna biex din tkun konferma bil-miktub ukoll.

46.6.27 Is-Sindku ta' San Ġiljan talab kjarifikazzjoni fuq it-tipping fees u l-ħlas relatat jekk kienx qed jinħareġ mill-allokazzjoni tal-Kunsilli jew kinitx responsabilita tar-Reġjun.

46.6.28 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-ħlas relatat mal-ġbir ta' l-iskart m'għadhux isir mill-Kunsill imma r-Reġjun qed tingħatalu allokazzjoni fuq dan is-servizz sabiex il-ħlas jingħata minn dan l-ammont.

46.6.29 IS-Sur Dalli staqsa fuq l-iskema li kienet maħruġa mill-fondi tal-LESA dwar ir-rimborż għal servizzi tal-Uffiċċjali Lokali, Pulizija, u CPD.

46.6.30 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm komunikazzjoni mingħand id-Direttur Ġenerali li din id-darba dawn ser jinħarġu mill-ġdid flimkien ma' l-Arts Council Malta pero kien għad ma ħarġitx kemm u kif ser tkun qed titħaddem uffiċċjalment. Hi qalet kif lill-AKL ir-Reġjun ser ikollu jrodd lura madwar €50,000 peress li dawn il-fondi ma kienux ġew utiliżżati kollha.

46.6.31 Is-Sur Dalli qal kif ir-Reġjun missu qasam il-kumplament tal-fondi lil dawk il-Kunsilli li utiliżżaw aktar mill-fondi provduta sabiex ir-Reġjun ikun ituliżża kollox.

46.6.32 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif wara diversi notifikazzjonijiet lill-kunsilli sabiex isir propju dan, kien hemm ammont żgħir li kien possibli li jiġu nkluża bid-dokumenti provduta mill-Kunsilli Lokali.

46.6.33 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, xtaq iressaq domanda fuq ix-xogħolijiet li qedin isiru mix-Xogħolijiet Pubbliċi. Fuq approvazzjoni tal-President, is-Sur Dalli spjega kif għal kull applikazzjoni li qed issir mill-Kunsilli Lokali għal dawn ix-xogħolijiet, il-Kunsilli Lokali qed jiġu mitluba sabiex jitolbu s-servizz ta' *Health and Safety Officer* sabiex ikun jistà jsir *Risk Assessment*. Hu qal ukoll kif kien ingħata parir sabiex jekk ikunu diversi xogħolijiet żgħar, dawn għandhom jingabru flimkien sabiex dan l-assessjar isir f'darba. Madanakollu hu spjega kif jekk tkun każ ta' bankina, din trid tkun applikazzjoni għal kull waħda b'mod separat. Hu qal kif bħala Kunsill qed jiġu mitluba sabiex iħalsu rata fix-xahar. Dan ifissir li jekk ix-xogħol idum għaddej għal numru ta xhur, il-ħlas ser ikun għoli.

46.6.34 Il-President qal kif minħabba r-reviżjoni li kienet għadha kemm daħlet fis-seħħ sabiex ikun hemm aktar sigurtà fuq dawn ix-xogħolijiet, dawn qedin jiġu mitluba.

6.6.35 Il-President informa li nhar il-Ġimgħa 16 ta' Mejju 2025 kien ġie ffirmat MOU bejn il-Kunsill Malti għall-Arti flimkien mar-Reġjuni ta' Malta. Hu qal kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Kultura fejn ser jitratta l-proġett PGIS (Participatory Geographic Information Systems), fejn l-assi kulturali ta' Malta se jiġu mmappjati minn kull Reġjun. Il-Maniġer tal-Kultura se jkun f'kuntatt ma' kull kunsill individwalment fil-futur hekk kif dan il-proġett jibda jiġi implimentat.

## 46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

46.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 46.5 Rapporti

46.5.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-*Audited Financial Report* li kien intbagħat permezz ta' emejl lill-membri preżenti qabel din il-laqgħa u kien spjegat ukoll mill-Accountant tar-Reġjun, is-Sa Perici Ferrante, waqt il-laqgħa Ġenerali Annwali. Hu qal ukoll kif is-Sa Perici Ferrante ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba impenji oħra u talab lill-membri preżenti sabiex dan ir-rapport jiġi approvat waqt din il-laqgħa.

46.5.2 Ma kien hemm l-ebda kummenti imressqa mill-membri preżenti dwar dan ir-rapport u ġie approvat b'mod unanimu.

## 46.6 Postijiet Vakanti – Uffiċjal Eżekuttivi Skala 13, FT, EU/Local Funds Manager

46.6.1 B'referenza għal dawn iż-żewġ pożiżżjonijiet, il-President għamel referenza għas-Sejħa ta' Uffiċċjal Eżekuttiv Skala 13 li ser ikollha terġa tinħareġ mill-ġdid bħala Administration Officer I skond il-*collective agreement* il-ġdid li kien ġie approvat fil-bidu ta' din is-sena. Hu spjega kif id-Diviżjoni kienet qed titlob sabiex din tiġi approvata minn din il-laqgħa qabel ikun jistà jibda l-proċess.

46.6.12 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

46.6.15 Il-President għamel referenza għas-Sejħa għal EU/Local Funds Manager li kienet maħruġa mill-ġdid u dawk interessati kellhom sa nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju 2025 biex jissottomettu l-interess tagħhom. Hu qal kif b'kollox dan ir-Reġjun irċieva 15-il applikazzjoni, persuna kienet infurmat li ma kinitx aktar interessata fil-pożizzjoni. Għal din ir-raġuni jrid ikun maħtur bord.

46.6.16 Il-President qal li jistà jinżamm dak li hemm fejn il-bord kien kompost mill-President, flimkien mas-Sur Charles Selvaggi u s-Sur Neville Chetcuti.

46.6.17 Il-President għamel referenza ghas-sejħa għal IT Officer u spjega kif dan ir-Reġjun kien ħareġ din il-pożizzjoni pero l-applikanti li kienu attendew għall-intervista ma kienux adekwati għal din il-pożizzjoni u talab sabiex din terġa tinħareġ.

46.6.18 Is-Sur Dalli ikkjarifika li dan ser ikun qed jgħati servizz lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun u mhux lir-Reġjun biss pero qal li ma jafx kemm hemm bżonn ta' din il-pożizzjoni.

46.6.19 Kien hemm qbil sabiex din is-sejħa terġa tinħareġ.

## 46.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Re-Wired Workshop*

46.7.1 Il-President inform kif wara l-attendenza tal-Kunsill Reġjonali Lvant fil-*Waste Reduction Awards 2024* tal-WASTESERV, ir-Reġjun sar jaf li l-enfasi tas-sena d-dieħla se tkun fuq E-Waste (skart elettroniku). F'konformità ma' din it-tema, il-Kunsill Reġjonali Lvant, b'kollaborazzjoni mal-MSPCA, se tkun qed tospita sensiela ta' tliet workshops prattiċi f'Settembru fil-binja tal-Kunsill Reġjonali. Il-workshops se jsiru fit-3, 11, u 17 ta' Settembru.

46.7.2 Is-Sur Chirciop spjega kif minħabba n-natura teknika u l-użu ta' għodda, se jkunu miftuħa għal massimu ta' 8 artisti. Se napplikaw ħlas ta' €15 kemm għall-apparat u donazzjoni minn kull artist f'kull sessjoni. L-artisti parteċipanti se jkollhom l-opportunità li jesploraw il-kreattività tagħhom billi jagħmlu skulturi minn skart elettroniku, bi gwida pprovduta matul il-workshops mingħand diżinjatur. Dawn mbagħad jintwerew matul il-Ġimgħa Ewropea għat-Tnaqqis tal-Iskart (22–30 ta' Novembru 2025) bħala wirja parti mit-*Thrift Pop-Up* fit-28 u d-29 ta' Novembru 2025.

46.7.3 Is-Sur Dalli staqsa l-ispejjeż li ser ikollu r-Reġjun marbuta ma' dan il-proġett.

46.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li r-Reġjun ser ikun qed jipprovdi l-ispazzju tal-Boardroom fl-uffiċċju tar-Reġjun u ma hemmx aktar ħlasijiet.

46.7.5 Din il-proposta ġiet approvata mill-membri preżenti.

- *Thrift Pop-Up 2025*

46.7.6 Il-President informa lill-membri kif dis-sena din l-avveniment ser tirritorna għat-tielet sena konsekuttiva, waqt il-weekend tal-*Black Friday* nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru (11:00 AM – 7:00 PM) u s-Sibt, 29 ta' Novembru (8:00 AM – 1:00 PM). Din is-sena timmarka żvilupp sinifikanti, peress li ser nikkollaboraw mal-MSPCA, li se jkunu qedgħin jipprovdu għażla kkurata b'ħwejjeġ second-hand. Id-dħul ġġenerat mill-bejgħ ta' dawn il-ħwejjeġ se jappoġġja direttament ix-xogħol siewi tal-MSPCA fil-benesseri tal-annimali. Fil-preżent, qegħdin fil-proċess li nsibu post li mhux biss jissodisfa r-rekwiżiti loġistiċi iżda għandu wkoll sinifikat kulturali u storiku. Barra minn hekk, it-Thrift Pop-Up se jinkludi wirja tar-riżultati tal-Workshop Re-Wired—skulturi maħluqa minn artisti parteċipanti li jużaw skart elettroniku upcycled. Hu spjega kif dawn jistgħu wkoll ikunu disponibbli għax-xiri, li joffru opportunità unika biex tappoġġja l-arti u l-sengħa eko-konxja.

46.7.7 Din il-proposta ġiet approvata mill-membri preżenti.

- *Aġġornament fuq il-Widien*

46.7.8 Il-President spjega kif bħala Kunsill Reġjonali Lvant interessat li jiżviluppa Dokument ta' Politika Reġjonali bit-titlu "Politika tal-Infrastruttura Ħadra għar-Reġjun Lvant ta' Malta." Din l-inizjattiva tfittex li tistabbilixxi abbozz komprensiv immirat lejn il-preservazzjoni, it-titjib, u l-ġestjoni sostenibbli tal-infrastruttura ħadra fir-reġjun. L-għan ewlieni ta' din il-politika huwa li tqajjem kuxjenza pubblika, tippromwovi l-ġestjoni ambjentali, u tissalvagwardja l-ispazji ħodor eżistenti—inklużi enklavi ħodor, widien, u kurituri naturali—li jinsabu fir-Reġjun Lvant. Dawn iż-żoni għandhom rwol kruċjali fl-appoġġ tal-bijodiversità, it-titjib tal-kwalità tal-arja, il-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima, u t-titjib tal-benesseri ġenerali tar-residenti. Id-dokument ta' politika se jiddeskrivi linji gwida strateġiċi u miżuri azzjonabbli biex jiżgura l-protezzjoni fit-tul u l-integrazzjoni tal-infrastruttura ħadra fl-ippjanar urban u l-iżvilupp

reġjonali. Hu qal kif se jfittex ukoll li jrawwem il-kollaborazzjoni fost il-Kunsilli Lokali, l-*istakeholders*, u l-komunità fil-preservazzjoni ta' dawn l-assi naturali vitali għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

- *Music Cities Convention*

46.7.9 Il-President informa kif wara espressjoni ta' interess mill-ACM, il-Maniġer Kulturali ta' dan ir-Reġjun kien ressaq applikazzjoni biex jifforma parti mid-Delegazzjoni Maltija li se ssir f'Arkansas, l-Istati Uniti, f'Settembru. Hu spjega kif l-applikazzjoni tas-Sur Hamberger ġiet approvata u ser ikun qed jattendi flimkien mal-Maniġer Kulturali Reġjonali mill-ACM, u żewġ mużiċisti lokali.

46.7.10 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li r-Reġjun mhux ser ikun qed joħroġ spejjeż relatati ma' din l-opportunita peress li kollox ser ikun iffinanzjat mill-ACM.

- *VARCITIES*

46.7.11 Il-President informa kif dan ir-Reġjun kien ġie avviċinat minn riċerkaturi mill-Universita ta' Malta li ħadmu fuq proġett bit-titlu fl-aħħar sejħa tal-Horizon Europe New European Bauhaus (NEB). Ħarġet opportunità ta' kollaborazzjoni, li tinvolvi proposta ġdida taħt listess sejħa. Riċerkaturi mill-Università Teknika ta' Riga qed imexxu proġett iffukat fuq sistemi ta' filtrazzjoni bbażati fuq il-ħażiż (moss), bil-għan li jintegrawhom fl-infrastruttura ekoloġika urbana u fl-għamara tat-toroq. Is-soluzzjoni tfittex li tindirizza t-tniġġis tal-arja, is-sħana urbana, l-istorbju, u t-telf tal-bijodiversità filwaqt li toffri kumditajiet pubbliċi prattiċi (eż., seating, bus stops, water stations ). Dan se jkun proġett pilota f'ħames sa seba' bliet Ewropej, bl-użu ta' prinċipji ta' disinn bijoċirkolari u metodi ta' ko-disinn mal-komunitajiet lokali. It-tim qed ifittex lokalità jew Reġjun lest li jipparteċipa bħala sit pilota. Il-kunsilli lokali interessati li jittestjaw infrastruttura ekoloġika innovattiva biex itejbu l-kwalità tal-arja, is-saħħa, u l-estetika urbana huma mħeġġa jinvolvu ruħhom.

46.7.12 Hi spjega kif l-għanijiet ewlenin tal-proġett jinkludu – l-introduzzjoni ta' infrastruttura funzjonali integrata bil-ħażiż; il-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji ambjentali u soċjali; l-involviment tal-pubbliku permezz ta' ko-disinn u għarfien; l-użu tat-tagħlim awtomatiku biex jiġi mbassar it-tniġġis; ir-rwol potenzjali ta' Malta jinvolvi l-ittestjar tat-tniġġis tal-arja, l-involviment taċ-ċittadini, u l-input ta' politika.

46.7.13 Il-President qal ukoll li kien hemm komunikazzjoni dwar dan mibgħuta mill-Maniger ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat u ser tkun qed issir laqgħa ta' informazzjoni għal dawk il-Kunsill Lokali li juru interess lejn dan il-proġett.

- *Library Cooperation Agreement*

46.7.14 Permezz ta' dan il-kuntratt, il-President informa kif dawk il-lokalitajiet li għandhom librerija, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ġew maqbula minn kulħadd. Hu qal ukoll kif ġie maqbul li dawn il-kuntratti ser jiġu ffirmata nhar l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2025 fis-2:30pm fil-libbrerija pubblika tal-Gżira.

- *Regional Chess Tournament 2025*

46.7.15 B'referenza għal dan it-tournament, il-President informa kif ir-reġjun qed jitlob l-approvazzjoni sabiex dan it-tournament jerġa jinżamm nhar is-Sibt 19 ta' Lulju 2025 fil-Ġnien tas-Swieqi. Il-Kunsill aċċetta li dan jerġa jinżamm f'dan is-sit u informa kif ir-Reġjun qed jistenna risposta mingħand is-Sur Adrian Mizzi li jieħu ħsieb it-tmexxija tat-tournament.

46.7.16 Il-membri preżenti approvaw dan l-avveniment.

- *Regional Sports Day 2025*

46.7.17 Il-President informa kif ir-Reġjun kellu laqgħa mas-Sur Adrian Cauchi nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju 2025 sabiex tiġi diskussa l-edizzjoni ta' din is-sena. Hu spjega kif kien hemm qbil sabiex din is-sena din tinżamm nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru 2025 bejn id-9 u nofsinhar. Hu talab lill-membri sabiex iżommu din id-data libera sabiex ikunu preżenti għal din l-attività. Fakkar ukoll kif dakinhar ir-Reġjun jipprovdi t-transport, t-shirts ikkuluriti, frott frish u ilma. Hu qal ukoll li jinxtara apparat li jingħata lill-MEYR li jipprovdu l-logħob matul dan l-avveniment.

- lVANt 2025 –

46.7.18 B'referenza għal dan il-proġett li kien inżamm fis-sena kulturali, Il-President spjega kif il-Kunsill Reġjonali Lvant jixtieq jorganizza lVANt mill-ġdid dan is-sajf. Wara s-suċċess tas-sena l-oħra, ir-Reġjun irċieva diversi talbiet mill-pubbliku kif wkoll artisti biex il-proġett jerġa' jsir. Mill-bidu tas-sena, ilna naħdmu ħafna biex niksbu sponsors biex jiffinanzjaw il-maġġoranza ta' dan il-proġett.

46.7.19 Il-President informa kif s'issa ir-Reġjun kien kiseb sponsors mill-MTA - €10,000; GO - €7,000 flimkien mal-akkwist ta' batterija għall-palk; Plaza - €2,000; Tourism Zones Regeneration Agency - pendenti l-konferma ta' €2,000; Vibe FM - Sponsorship ta' marketing, materjal promozzjonali u preżentaturi f'ċerti performances. Għalhekk m'għandniex bżonn nonfqu flus fuq marketing.

46.7.20 Is-Sur Chircop informa kif b'kollox, il-proġett se jiswa madwar €35,000. Dan jinkludi l-użu ta' żewġ artisti prominenti. Il-baġit jista' jitnaqqas jekk ikun hemm bżonn skont l-artisti. Ksibna sponsorships li jammontaw għal €20,000 u qed naħdmu biex niksbu aktar. Madankollu f'dan l-istadju, ir-Reġjun se jiffinanzja l-proġett b'10-15k.

46.7.21 Il-President qal ukoll kif wara din il-laqgħa s-Sur Hamberger ser ikun qed jikkuntattja lil kull Kunsill fi ħdan ir-Reġjun biex insibu dati adattati biex inwasslu dan il-proġett bħalma kien sar fil-laqgħa preċedenti. Hu ħeġġeġ lill-membri sabiex jikkomunikaw mas-Sur Hamberger sabiex l-avvenimenti jkunu jistgħu jiġu kkoordinati.

- *Regional Cultural Cooperation Programme*

46.7.22 B'referenza għal dan, il-President informa kif dan ir-Reġjun jixtieq jerġa japplika għal dawn il-fondi ta' €20,000 u fakkar kif is-sena preċedenti, dawn il-fondi kienu ntużaw sabiex isir Tour Reġjonali. Is-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun jixtieq japplika sabiex jinżamm proġett relatat mal-Milied, bl-isem 'Chapel Hopping' jew simili.

46.7.23 Is-Sur Chircop qal kif l-idea wara dan il-proġett hija li niftħu 12-il kappella fir-Reġjun tagħna għal festival ta' jumejn. F'kull kappella nixtiequ li jkollna varjeta ta' performances u wirjiet ta' attività kulturali relatata mal-Milied. Eżempji jinkludu - Kor tat-tfal; Gospel Choir; Tifel jgħamel il-priedka tal-Milied; wirja tal-Presepji; Presepju Ħaj minn voltuniera fix-xelter tal-Għargħur, Tpinġija ħajja (live painting/drawing).

46.7.24 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif kien hemm laqgħa ta' informazzjoni skedata dwar dan il-fond nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju 2025.

46.7.25 Il-President żied jgħid li hu kien issuġġerixxa sabiex din tinżamm f'Diċembru però mhux viċin ħafna tal-Milied minħabba li jkun hemm ħafna avvenimenti għaddejjin.

46.7.26 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kwotazzjonijiet*

46.7.27 Il-President ressaq fuq il-mejda dawn il-kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-membri preżenti. Liema kwotazzjonijiet kienu ntbagħtu għall-attenzjoni tal-membri qabel din il-laqgħa:

- Kwotazzjoni sabiex il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2025 tinżamm l-AX The Palace Hotel;
- Servizz ta' Catering għall-'*Art for All Showcase'* fejn l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Mannarinu €930.00;
- ERA Audit Report IRO 2024 fejn l-orħos kwotazzjoni kient mingħand ADI Associates għal prezz ta' €1,180.00;
- Xiri ta' *AirConditioner* mingħand Klima 755 għal prezz ta' €530.00;
- Vehicle Print mingħand Turbo Signs Van għal prezz ta' €1,561.14;
- Servizz ta' van u xufier mingħand Man with a Van (Stefan Fenech) għal prezz ta' €4,389.60;
- Dawl fuq il-vann mingħand Consta Consulta għal prezz ta' €4,449.00;
- Sistema tas-Sound mingħand Costa Consulta għal prezz ta' €11,389.00.

46.7.28 Dawn il-kwotazzjonijiet ġew approvati mill-membri preżenti.

## 46.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

46.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

46.9.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mis-Sondku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 41A, 41B, 42A u 42B

46.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 46.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

46.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 29 ta' Lulju, 2025.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |